MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 610/2005

**Nejib Zouali (ID 249699M) u Rose Marie Zouali (ID 473495M)**
**vs**

**Mohammed Ali Ben Salem Ben Ali Khedrin (ID 115595M) u Joanne Khedrin (ID 114473M) u b'digriet tas-27 ta' April 2006, l-Avukat Dottor Mark Busuttil u il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati ad litem biex jirrapprezentaw lill-konvenuti Mohammed Ali Ben Salem Ben Ali Khedrin u Joanne Khedrin fl-atti ta' din il-kawza u atti kollha sussegwenti**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-27 ta' Gunju, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-kontendenti huma ko-proprjetarji tal-lancja tas-sajd bl-isem Lorenza Madre bin-numru F 134 b'magna SKI47KW;

Illi l-atturi xtraw minghand il-konvenuti nofs indiviz tal-lancja permezz
ta' skrittura privata datata 18 ta' Lulju 2001 u minn dakinhar l-konvenuti kellhom it-tgawdija esklussiva tal-lancja:

Illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' kopropljeta' mal-konvenuti;

Talbu ghalhekk li l-konvenuti ighidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tiddikjara li l-lancja tas-sajd bl-isem Lorenza Madre bin-numru F134 m'hijiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti;
(2) Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-lancja fuq imsemmija, liema bejgh ghandu jkun miftuh ghall-barranin;
(3) Tordna li r-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-kontendenti;
(4) Tillikwida somma, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, li ghandha tithallas mill-konvenuti lill-atturi bhala sehemhom mill-qliegh li sar mill-uzu tal-lancja kif ukoll kumpens talli l-konvenuti kellhom it-tgawdija esklussiva tal-lancja meritu ta' din il-kawza;
(5) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata skond it-talba numru erbgha (4) ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' April 2006, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-konvenuti Mohammed Ali Ben Salem

Ben Ali Khedrin u Joanne Khedrin fl-atti ta’ din il-kawza u atti kollha sussegwenti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-deputati kuraturi, li *in forza* taghha huwa eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom f’stadju ulterjuri;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tad-deputati kuraturi;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi fit-18 ta’ Lulju 2001 giet iffirmata skrittura bejn il-partijiet illi tixhed illi l-konvenuti bieghu lill-atturi in-nofs indiviz tal-lanca tas-sajd jisimha Lorenza Madre bin-numru F 134 ghall-prezz ta’ tletin elf lira Maltija (LM30,000).

Illi giet esebita ittra mahruga mill-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fl-1 ta’ Settembru 2004 fis-sens illi l-atturi kienu saru komproprjetaji tad-dghajsa tas-sajd F 134 flimkien mal-konvenuti u illi d-dhul kollu li kellu isir permezz ta’ din id-dghajsa F 134 kellu jinqasam ugwalment bejn l-atturi u il-konvenuti.

Illi l-Qorti rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April, 2008 li permezz taghha il-kuratur deputat Dr Mark Busuttil iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq u id-difensuri tal-partijiet awtorizzaw lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Illi l-Qorti rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tara illi ghandha tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l- l-Iancja tas-sajd bl-isem Lorenza Madre bin-numru F134 m'hijiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti u ghaldaqstant tilqa wkoll it-tieni talba attrici u tordna l-bejgh b'licitazjoni tal-lancja fuq imsemmija; liema bejgh ghandu jkun miftugh ghall-barranin, tilqa wkoll it-tielet talba attrici u tordna li r-rikavat ghandu jinqasam f'sehem ugwali bejn il-kontendenti. Il-Qorti tordna illi f'dan l-irkant ghandhom jigu osservati l-Artikoli 312 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ma tistax tilqa ir-raba u l-hames talbiet attrici peress illi l-atturi ma ressqu l-ebda prova fis-sens illi sar xi qligh mill-uzu tal-lancja in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk lanqas ma gie ippruvat lanqas ma gie ippruvat li huma ghandhom jigu ikkompensati talli l-konvenuti kellhom it-tgawdija esklussiva tal-lancja mertu ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici, tichad ir-raba u l-hames talbiet attrici.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------